MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 246/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-26 ta' Frar 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Awissu 1999 fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, Malta u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel, D (Dok. A, Dok. B).

Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibli minhabba abbandun, adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprezentaw din l-istanza, u dan kif titlob il-ligi stess (Dok. C).

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48C et seq tal-Kodici Civili (Kap. 16), tistabbilixxi d-data l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

Tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut li hu r-ragel taghha.

Taffida l-kustodja u l-kura tal-minuri D lill-komparenti mara.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex jghaddi lill-attrici dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-bzonnijiet tal-attrici u tal-minuri D, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti.

Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjoni komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti.

Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici, il-beni kollha parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Tiddikjara illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici bl-eskluzjoni tal-konvenut, iktar u iktar meta ghad hemm minuri taht il-kura tal-attrici.

Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Tawtorizza lill-attrici tirreverti ghall-kunjom xbubitha “E”.

Bl-ispejjez kollha involuti kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tas-26 ta’ Frar 2010, li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer biex jirraprezentaw lill-assenti C B.

Rat ir-risposta tal-fuq imsemmija kuraturi li permezz taghha eccepew illi m’humiex edotti mill-fatti u rrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit kollha prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-koppja f’din il-kawza zzewgu wara ftit xhur li kienu ltaqghu. Il-mara hija Maltija u r-ragel Franciz. Ftit xhur biss wara z-zwieg bdew jitfaccaw problemi bejn il-koppja, partikolarment in vista tal-vizzju tax-xorb li beda jahkem lir-ragel. Dan wassal ukoll ghal sitwazzjonijiet fejn huwa beda jkun aggressiv u fizikament vjolenti ma’ martu. Xejn ma nbidel wara t-twelid ta’ binhom. Huwa beda ukoll jassenta ruhu mid-dar ghal xi perjodi meta kien car li kellu relazzjoni mal-mara l-ohra sakemm qabad u siefer lejn pajjizu, Franza. Ghalkemm f’xi zmien huwa pperswada lil martu li kien bidel hajtu, dan ma kien minnu xejn. Huwa baqa’ ma giex lura lejn Malta, lanqas biex izur lil ibnu minuri, wisq anqas biex jissoministra xi forma ta’ alimenti ghal martu u ibnu.

Id-diversi persuni li tressqu bhala xhieda mill-istess rikorrenti lkoll jikkonfermaw dak li ssostni hi, kemm f'dak li jikkoncerna t-tip ta' hajja li ghex zewgha meta kienu flimkien kif ukoll dwar il-hafna sforzi li ghamlet hi biex issalva z-zwieg taghha.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu milqugha peress illi gew pruvati.

Ghar-rigward tat-talba ghall-manteniment, il-Qorti ser tiffissa cifra "arbitrio boni viri" stante li, ghalkemm ir-rikorrenti hejjiet prospett dwar l-ispejjez minnha rikorsi ghaliha u ghal binha regolarment, ma nghata lill-Qorti ebda hjiel tal-introjtu tal-intimat. F'dan l-ezercizzju, il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi r-rikorrenti ghad ghandha tnejn u tletin sena waqt li binha huwa tal-eta' li jattendi skola regolarment u ghalhekk hija tkun tista' tghin ruhha u lil binha b'xi impjieg anke part-time.

Tenut in konsiderazzjoni dan kollu, il-Qorti tiffissa l-ammont ta' manteniment ghaliha ghal mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat u ghal binha s-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) kull erba' gimghat. Dan l-ammont ghadnu jithallas bl-arretrati stante li mill-mument tal-abbandun qatt ma gew somministrati alimenti.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lil C B;

2. Tilqa' t-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri D lil omm A B;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimat C B jghaddi lil A B is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat ghaliha u mija u hamsin Ewro (€150) kull erba' gimghat ghall-minuri; u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2007;

5. Tilqa’ l-hames talba u tapplika fil-konfront ta’ C B id-dispozizzjonijiet tal-Art. 48, 50 u 51 tal-Kap. 16;

6. Tilqa’ s-sitt talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, b’dana illi l-kirja tad-dar matrimonjali tigi assenjata lill-mara;

7. Tilqa’ l-ghaxar talba u tawtorizza lir-rikorrenti mara tirreverti ghal kunjom xbubitha E;

8. Tilqa’ s-seba’ talba;

9. It-tmien talba hija kompriza fis-sitt talba;

10. Tilqa’ d-disa’ talba.

L-ispejjez jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------